**21 ta' Jannar, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

Joseph Difesa et nomine

*versus*

Avukat Dottor Joseph Cassar et noe

**Ċitazzjoni — Kawżali.**

*Il-kawżali tad-domanda hija dik li hemm espressa fiċ-ċitazzjoni u ma tistax tiġi mibdula u mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtuha fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni.*

*Il-Qrati tagħna pero' in bażi għal kriterju tal-ekwipollenza addottaw is-sistema liberali tal-validita' taċ-ċitazzjoni meta il-kawżali mhux espressa sewwa fiċ-ċitazzjoni imbagħad tirriżulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjoni u fil-kas ta' kawżali imfissra aktarx lakonikament.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni; billi l-attur kellu jieħu min għand il-konvenut is-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin lira u g4axar xelini (£125.10.0) skond dokument 'A' anness maċ-ċitazzjoni; u billi kien qiegħed lura fil-pagamenti kien sar ftehim miegħu li iħallas l-istess dejn b'rati ta' inqas min lira u nofs kif kien miftihem fl-istess skrittura iżda b'dan li kif toħroġ il-gratuity li kellu jieħu kellu jħallas il-bilanċ tad-dejn kollu f'daqqa; u billi l-gratuity hija illum dovuta u d-debitur miet u baqalhu jagħti mija u żewġ liri u għaxar xelini (£102.10.

0) talab li l-konvenuti nomine jkunu kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £102.10.0 lilu dovuta għar-raġunijiet fuq imsemmija, bl-ispejjeż b'dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-1 ta' Lulju, 1963.

Rat ... omissis ...

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Rosy Aquilina li biha qalet li:

1: Is-somma mitluba ma hiex dovuta għax parti minnha kienet ġià imħallsa;

2: Ma kienx hemm ftehim illi l-bilanċ dovut min żewġha jitħallas f'daqqa mal-għoti tal-gratuity;

3: 'kull każ l-azzjoni hija intempestiva għax f'nuqqas tal-ftehim imsemmi l-pagament għandu jsir b'rati ta' £1.10.0. fil-ġimgħa u f'kas illi kien hemm ftehim ma kienitx ingħatat il-gratuity meta ġiet proposta l-azzjoni; b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat ... omissis ...

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Avukat Dr Joe Cassar u P.L. Joseph D'Amato bħala kuraturi nominati biex jirrapresentaw l-eredità ġjaċenti ta' Antonio Aquilina li bih qalu li huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk jirriservaw li jagħtu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri tal-kawża;

Rat ... omissis ...

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta

Rosa Aquilna fejn qalet li mid-deposizzjoni tal-attur fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 1963, irriżulta li s-somma pretiża minnu tirriferi *għal ħlas ta' oġġetti mibjugħa lil mejjet* Antonio Aquilina u mhux għal self li hu l-bażi taċ-ċitazzjoni u dan mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ulterjuri u salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat ... omissis ...

Ikkunsidrat:

Li l-attur qiegħed jimposta l-pretensjoni tiegħu fuq il-kawżali ta' self, infatti għalkemm fil-premessi taċ-ċitazzjoni ma semmiex espiċitament, kif messu għamel, il-kawża tal-kreditu dedott, dina però irriżultat mill-iskrittura tal-15 ta' Novembru, 1962, fejn jingħad testwalment "Jiena li hawn taħt iffirmat niddikjara li sselifit is-somma ta' £125. 10.0 mingħand Mr. J. Difesa bil-patt li jitħallsu lura lilu bil-lira u nofs fil-ġimgħa.

Ikkunsidrat:

Li mix-xhieda li ta l-attur fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 1963, irriżulta li l-kreditu tiegħu mhuwiex dovut għal self iżda bħala prezz ta' diversi oġġetti mibjugħa lill-konvenu, li jinsabu speċifikati fl-istess deposizzjoni;

Ikkunsidrat:

Li evidentement il-kawżali tal-kreditu tal-attur mhiex dik li għaliha qiegħed jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu, iżda oħra differenti; infatti; l-prezz ta' oġġett mibjugħ ma jistax jiġi konfus mal-kreditu naxxenti minn self dedott fiċ-ċitazzjoni, għaliex wieħed għanduh bħala oġġett il-paga-

ment ta' flus bħala korrispettiv ta' oġġett mibjugħ (art. 1396 u 1397 Kod. Ċiv.), l-ieħor l-obbligu li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità (art. 1938 Kod. Civ.); kif jidher min esposizzjoniji sommarja ta' dawna żżewġ istituti ġuridiċi ma jistax ikun hemm bejnithom denominatur komuni għal dak li jistaw jkunu l-fattispecie u l-konsegwenzi ġuridiċi ta' kull wieħed minnhom b'mod li jista jiġi applikat is-sistema moderativ tal-kriterju tal-ekwipollenza (Kollez. XXXV, 1, 5).

Ikkunsidrat:

Li, l-kawżali tad-domanda hija dik li hemm espressa fiċ-ċitazzjoni u ma tistax tiġi mibdula (Kollezz. XXXIV, 1, 85) u mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti min dik espressa fiċ-ċitazzjoni (ara b'dana s-sens sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Marzu, 1951, 1931 in re "Zammit vs. Dr. Cassar"; tal-24 ta' rar, 1933 in re "Felice vs. Moore"; tal-15 ta' Frar 1939 in re "Mazzitelli vs Allen"; tat-23 ta' Mejju 1947, in re "Farrugia vs Buttigieg"; tas-27 ta' Ġunju 1949, in re "Aquilina vs Coleiro"; tal-14 ta' Novembru, 1949 in re "Borg vs Vincenti"; u tal-24 ta' April 1950, in re "Vassallo vs Dr Sammut)."

Ikkunsidrat:

Li, anqas ma huwa l-każ ta' kawża li mhux espressa sewwa fiċ-ċitazzjoni li mbagħad tirriżulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjoni, u anqas ma huwa il-każ ta' kawża li mfissra aktarx lakonikament; f'liema ipotesijiet il-Qrati tagħna addottaw is-sistema liberali tal-validità taċ-ċitazzjoni in bażi għall-kriterju ġa' fuq riferit tal-ekwipollenza (Kollez. VI, 441, 111, 137; XXXIV, 501);

Ikkunsidrat:

Li, fl-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta, għalkemm ma ġietx fiha espressament sollevata n-nullità taċ-ċitazzjoni minħabba li l-kawżali hija indikata ħażin, u għalhekk hija nieqsa min partikularità sostanzjali meħtieġa mil-liġi espressament (art. 792 (1) (d) tal-Proċ. Ċivili eppure, fil-fehma tal-Qorti, u bil-mod li ġiet formulata, tammonta għall-eċċezzjoni ta' nullità taċ-ċitazzjoni.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni, u tilibera l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizju, bl-ispejjes kontra l-attur.